MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2013

Numru. 224/2013

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Keith Cassar Jackson ta’ 28 sena iben Michael u Christine nee Jackson, imwieled Pieta nhar il-21 ta’ Settembru 1984, residenti 52, Violet Apartments, Flat 1, Triq tal-Labour, Naxxar u detentur ta’ l-identita numru 469284M;

Talli;

1) Nhar l-10 ta’ Ottubru 2011, fi Triq in-Nigret, Rabat, ghall habta tal-16:55 b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti, kien involut f’incident stradali bil-konsegwenza li kkagunat offiza ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Dolores Schembri detentrici tal-karta ta’ l-identita bin-numru 71134M hekk kif gie icertifikat minn Dr. N. Abela

2) Aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi nstaqet vettura bin-numru ta' registrazzjoni HBI 428 ta' l-ghamla Toyota bi traskuragni jew b'mod perikoluz.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. L-imputat jahdem bhala delivery man ma' kumpannija, u xoghlu jikkonsisti f'sewqan ta' vann igorr merkanzija ghall-klijenti. Fl-10 ta' Ottubru, 2011, ghall-habta tal-5.00pm, kien qed jimmanuvra l-vann tieghu fi Triq in-Nigret, ir-Rabat Malta, u waqt li qed isuq il-vettura tieghu b'lura, laqat lil wahda mara anzjana, Dolores Schembri, u kkawzalha feriti ta' natura gravi. Mid-dinamika ta' dan l-incident jirrisulta li din il-mara kienet qed taqsam it-triq minghajr ma pprestat attenzjoni xierqa ghall-vann tal-imputat. Tant hu hekk li l-Qorti ghandha dubju jekk effettivament din il-mara qasmetx it-triq, jew addirittura kienetx miexja f'nofs it-triq, daharha lejn il-vettura tal-imputat gejja bil-mod ghal fuqha. Dan qed jinghad peress illi l-istess vettura hija attrezzata b'*reverse warning alarm* li jinstema' sew minn persuni fil-vicin, u l-griehi hekk kif sofferti minnha jinducu wiehed x'jahseb li kienet miexja fit-triq daharha lejn il-vettura, u b'hekk ma rathiex gejja ghal fuqha. Fix-xiehda taghha, hi tghid li kienet mifxula meta' qasmet it-triq u ma tiftakarx x'ghamlet. Ghalhekk it-testimonjanza taghha ma tghinx wisq biex jintefa' dawl fuq dan l-incident.

Kwantu ghas-sewqan tal-imputat, ma gie innotat ebda sewqan trskurat jew b'velocita' eccessiva, jew b'xi modperikoluz. Fil-fehma tal-Qorti, l-incident sehh unikament tort ta' Schembri, li ma hadetx hsieb tara t-traffiku hux gej qabel ma qasmet. B'xorti tajba, ghalkemm sofriet griehi gravi, Schembri ma sofrietx konsegwenzi hafna akar serji jew tragici.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 226 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u 15 tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi din il- Qorti ma tistax issib lill- imputat hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u ghal daqstant  qieghda tilliberah minn kull akkuza.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**ANTHONY J. VELLA BA, LL.D., MA**
**MAGISTRAT**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------